

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2046

tal-24 ta' Ottubru 2022

li jemenda l-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 fir-rigward tal-adattament tagħhom biex jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Protokoll tiegħu dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' ghajjnuna mill-Istat orizzontali (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajjnuna mill-Istat,

Billi:

- (1) L-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 (²) jistabbilixxu l-ammonti kumulattivi massimi tal-ghajjnuna *de minimis* mogħtija lil kull Stat Membru lil impriżzi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali msemmija, rispettivament, fl-Artikolu 3(3) u fl-Artikolu 3(3a) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (³) (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”), li l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (“il-Protokoll”) jifforma parti integrali minnu, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (3) Il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li matulu d-dritt tal-Unjoni baqa' fil-biċċa l-kbira applikabbi għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fis, intemm fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (4) Madankollu, l-Artikolu 10 tal-Protokoll jipprevedi li ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni elenkat fl-Anness 5 ta' dak il-Protokoll għandhom jaapplikaw għar-Renju Unit fir-rigward ta' miżuri li jaffettwaw il-kummerċ fi prodotti agrikoli bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Unjoni.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 huwa elenkat fost dawk id-dispożizzjonijiet.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Protokoll, jeħtieġ li l-ammonti kumulattivi massimi għar-Renju Unit kollu stabbiliti fl-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 jiġu sostitwiti bl-ammonti korrispondenti għall-Irlanda ta' Fuq biss.
- (7) Sabiex jiġi żgurati kundizzjonijiet ekwi, l-ammonti kumulattivi massimi għall-Irlanda ta' Fuq jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-istess metodu ta' kalkolu bħal dak li ntuża għall-Istati Membri fiż-żmien meta ġew stabbiliti dawk l-Annessi.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 jiġi emendat skont dan,

(¹) ĠUL 248, 24.9.2015, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠUL 352, 24.12.2013, p. 9).

(³) ĠU C 384I, 12.11.2019.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1(1) (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) għajjnuna għall-attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri (*), l-aktar għajjnuna marbuta direttament ma' kwantitatjiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attivitā tal-esportazzjoni;

(*) Billi f'konformità mal-Artikolu 10 u l-Anness 5 tal-Protokoll tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU C 384, I, 12.11.2019), ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-ghajjnuna mill-Istat fir-rigward ta' miżuri li jaffettaww il-kummerċ bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Unjoni jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit, kwalunkwe referenza għal Stat Membru f'dan ir-Regolament għandha tinfiehem bħala referenza għal Stat Membru jew għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq”

(2) fl-Anness I, ir-ringiela li tistabbilixxi l-ammont kumulattiv massimu tal-ghajjnuna *de minimis* għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq 29 741 417”;

(3) fl-Anness II, ir-ringiela li tistabbilixxi l-ammont kumulattiv massimu tal-ghajjnuna *de minimis* għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq 35 689 700.”

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN